SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 25/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 27/02/'14** **308**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 27/02/'14** **363**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13** **19**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2014.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (2) - Il-Kunsillier John Agius. (Rif. Inc. 986/14), u l-Kunsillier Anthony Grech.

1.05 Assenti (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Kien hemm preżenti wkoll l-Avukat Stefano Filletti, u Ms. Johanna Caruana bħala rappreżentanza minn JCA Ltd għall-accounts tal-Kunsill.

1.08 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-21 ta' Frar 2014. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013
4. Twaqqif ta' Posta jew Kiosk
5. Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill
6. Vot 16
7. Kumpless Dun Anton Sciberras
8. Aġġornament - Proġett tal-*Public Private Partnership*
9. *Live Streaming*
10. Approvazzjoni ta' Pagamenti
11. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 24/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 24/K7/14.

1.3.03 Il-Vici Sindku Charles Camenzuli ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 36/KA1/13 u 37/KA1/14 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

1.4.02 Iċ-Ċermen talab sospenzjoni tar-regolamenti biex jiġi diskuss 'item' 4, 5 u 3 qabel 'item' 2 ta' l-Aġenda.

1.4.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4. Twaqqif ta' Posta jew Kiosk**

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-permess li nħareg lis-Sur Brian Cini, permess numru: PK1/2014 u li dan il-permess kien ġie rivokat peress li wieħed mid-dokumenti (tal-VAT) li pprovda s-Sur Brian Cini ma kienx f'ismu. Dan ġie nfurmat immedjatament verbalment kif ukoll permezz ta' korrispondenza komuni u korrispondenza rreġistrata, iżda s-Sur Brian Cini baqa' ma rregolarizzax is-sitwazzjoni. (Riferenza - K0113/105/14-MC, K0118/NA & 11/14-MC u K0128/NA&11/14 –MC).

4.02 Verbalment is-Sur Brian Cini kien infurmat ukoll li mar-ritorn tad-dokument oriġinali (PK 1/2014) qabel id-data ta' l-attivita', hu kien ser jiġi rimbursat l-ammont ta' €23.29 li kien ħallas għall-permess. Irriżulta iżda li s-Sur Cini ma ġiex qabel id-9 ta' Frar 2014, id-data li kien maħruġ il-permess imma ġie nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar 2014 biex jiġi rimbursat. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li s-Sur Cini jiġi rimbursat €23.29 li kien ħallas għall-permess PK1/2014 peress li l-Kunsill m'għandux provi jekk is-Sur Cini kienx għamel użu mill-permess.

4.03 Saret riferenza għal-leġiżlatura sussidjarja 441.04 artiklu 10, dwar il-ħrug tal-permessi b'konnesjoni ma' twaqqif ta' xi posta jew kjosk u għall-korrispondenza riferenza inc. 797/14 li l-Kunsill irċieva mingħand Dott. David Camilleri LL.D.

4.04 L-Avukat tal-Kunsill, Dott. Filletti ta spjegazzjoni ta' l-Artiklu u wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda unanimament li kull applikant li japplika għall-permess għat-Twaqqif ta' Posta jew Kiosk għandu jagħmel it-talba tiegħu bil-miktub sa sitt ġimgħat qabel id-data ta' l-attivita'. Dan sabiex il-Kunsill jkollu ż-żmien biex jiddiskuti kull talba.

4.05 B'din id-deċiżjoni għandu jiġi nfurmat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

4.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kumitat Amministrattiv Paceville joġġezzjona li jibqgħu jinħarġu permessi għat-Twaqqif ta' Posta jew Kiosk ġewwa Paceville. Dan minħabba li qed jitħalla ħafna ħmieġ. l-Kumitat Amministrattiv Paceville jirrakkomanda lill-Kunsill li jieħu l-istess pożizzjoni.

4.07 B'riferenza għal-talbiet oħra b'konnessjoni mal-festi tal-lokal u attivitajiet oħra organizzati mill-Kunsill, il-Kunsill ser jibqa' juża l-proċedura li dejjem uża s'issa.

**5. Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

5.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2014, fid-9.30a.m. saret il-laqgħa b'konnessjoni mal-*Crack Monitoring Reports* (Inc. 685/14) u *Proposal for Structural Assessment of Ground Floor and Basement Floor-1* (Inc. 3914/13) Ara Appendiċi 'C' – Minuti 1 – Crack Monitoring Reports.

5.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li tingħata kopja ta' l-insurance policy lill-Perit Farrugia biex tgħinu fir-rapport tiegħu.

5.03 L-Avukat Filletti ġie skużat fit-3.00 p.m.

**3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013.

3.02 Ms. Caruana rappreżentanta tal-JCA Ltd. tat spjegazzjoni ddettaljata tar-rapport finanzjarju (Ara Appendiċi 'D').

3.03 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013.

3.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Ms. Caruana ġiet skużata fit-3.10p.m.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 545 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali Case 84/14 - Appell San Ġiljan re Acountancy Service. |
| 546 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward is-Servizz ta' Mini Van. |
| K0121 | Ittra lis-Segretarju Parlamentari Dr. Micheal Farrugia fir-rigward is-shelter fi Triq Lapsi. |

717 Korrispondenza mingħand European Cities Against Drugs rigward konferenza li ser issir ġewwa Stockholm, Sweden.

854 Email mingħand l-*Housing Authority* dwar il-laqgħa mas-Sinjura Antoinette Vassallo fir-rigward l-*Housing Estate*.

986 Email mingħand il-Kunsillier John Agius dwar nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Frar 2014.

1002 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013 – 2014 – Memo 25/2013.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 545**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Case 84/14 - Appell San Ġiljan re Acountancy Service. Il-Kunsill ġie nfurmat li ngħata l-awtorizzazzjoni sabiex jiġi estiż il-kuntratt bi tlett xhur.

2.03 **Rif. Nru. K0121**

Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbgħatet ittra lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Micheal Farrugia fir-rigward is-shelter fi Triq Lapsi.

2.04 **Rif. Nru. 717**

Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand *European Cities Against Drugs* rigward konferenza li ser issir ġewwa Stockholm, Sweden. Ġie deċiż unanimament li s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Norman Vella jattendu għal din il-konferenza għas-spejjeż tal-Kunsill.

2.05 **Rif. Nru. 854**

Il-Kunsill ġie nfuramat li ser isir *meeting* nhar it-Tnejn 3 ta' Marzu 2014 fl-10.00a.m. fil-*Housing Authority* mas-Sinjura Antoinette Vassallo fir-rigward l-*Housing Estate*.

2.06 **Rif. Nru. 986**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Kunsillier John Agius dwar nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Frar 2014. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li jiġi ddikjarat skużat għal din il-laqgħa.

## 6. Vot 16

6.01 Saret riferenza għall-korrispondenza (Inc. 417/14, 430/14 u 865/14 – Appendiċi 'E').

6.02 F'dan l-istadju ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jibqa' jipprova jsib żagħżugħ/a li j/tkun interessat/a għall-Ambaxxatur / Ambaxxatriċi.

## 7 Kumpless Dun Anton Sciberras

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bit-talba li saret lill-Onor. Joe Mizzi, Ministru għat-Transport u l-Infrastruttura kif ukoll bit-tweġiba tal-Ministru (Ara Inc. 475/14 u Inc. 504/14 – Appendiċi 'F')

7.02 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li l-*Public Relations Manager* tal-Kulleġġ ta' l-Għarab, is-Sur Galal Belaama talab li jużaw il-football pitch għal xahar. Ġie spjegat lilu li l-Kumpless Dun Anton Sciberras jinsab magħluq għal użu minħabba s-safety għall-pubbliku. Is-Sur Belaama kkonferma li kien jaf b'dan u li l-Kulleġġ kien lest li:-

a) jirranġa il-*goal posts* għas-spejjeż tagħhom
b) jagħti donazzjoni ta' €250 lill-Kunsill
c) Din id-donazzjoni ma tinkludix l-ispejjes tad-dawl u l-ilma
d) Il-Kulleġġ jaċċetta li l-Kunsill ma jkunx responsabbli għal xi danni li jistgħu jinqalgħu.

7.03 Ghalhekk fuq dawn il-kriterji l-Kunsill ħareġ il-permess. (Ara Appendiċi 'G')

## 8. Aġġornament - Proġett tal-*Public Private Partnership*

8.01 Iċ-Ċermen aġġorna lill-Kunsill bil-laqgħa li saret mal-kuntrattur Polidano Brothers b'konnessjoni mal-proġett *Public Private Partnership.* Din il-laqgħa saret nhar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2014, fl-10.00a.m. Ara Minuti 1 – Public Private Partnership – Appendiċi 'H'.

8.02 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ġie skużat fl-3.45p.m.

## 9. *Live Streaming*

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-komunikazzjoni mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern

Lokali b'konnessjoni ma' *live streaming tal-laqgħat.* Hawnhekk saret riferenza għal Memo 5/2014 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Streaming tal-Laqgħat Online, Inc. Ref. 538/14 u għall-Inc. Ref. 489/14 li tagħmel riferenza *vis-à-vis* Memo 17/2013, li kienet l-ewwel Skema (Ara Appendiċi 'I').

9.02 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u baqa' joġġezzjona unanimament li tinħareġ is-sejħa biex isir il-live streaming tal-laqgħat u li jigi nstallat l-apparat għal-*live streaming* tal-laqgħat. Dan minħabba li l-Kunsill jidhirlu li bil-*live streaming* ser jitneħħa l-liberta' ta' kelma u ta' l-espressjoni. Il-Kunsill itenni li l-ligi diga' tippermetti li l-pubbliku jista' jattendi ghal-laqghat. Madankollu l-Kunsill ser jistudja s-sitwazzjoni.

9.03 Ġie deċiż unanimament li din id-deċiżjoni tintbaghat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 10. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.

10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'J').

10.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

10.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

10.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

11.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3546 sa 3556 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'K').

11.02 Il-Kunsillier Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3546 sa 3556.

11.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

11.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

11.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 12. Materji oħra

12.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Phillip Gatt informa verbalment lis-Segretarja li l-Faces Ltd. oġġezjonaw li jinstalla l-*multi-sits* fil-*bus shelter* ta' ħdejn il-Love Monument u ħdejn il-Wembley peress li fihom ir-reklami.

12.02 B'riferenza għall-Minuti 24/K7/14, Taqsima 2 Paragrafu 2.11, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Active Enterprises ħallas l-ammont ta' €4542.33 b'konnessjoni mal-permessi, li kienu pendenti.

12.03 Fir-rigward l-*iPads* li nxtraw għall-użu tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv, inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill mill-Awdituri li hemm bżonn li jkun hemm approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn l-*iPads* ikunu jistgħu jinħarġu mill-premises tal-Kunsill.

12.04 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill japprova li s-Sindku kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv jistgħu juzaw l-ipads li nxtraw għall-benefiċċju tagħhom fi kwalunkwe ħin u fi kwalunkwe post barra mill-*premises* tal-Kunsill.

12.05 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Marzu 2014 fis-2.30p.m.

12.06 Il-laqgħa ntemmet fl- 4.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |